# Kif Tikteb Tajjeb il-Malti*

Hawn bosta nies, żgħażagħ u m'humiex, li jħobbu l-lsien Malti u jixtiequ jgħinuh b'kitbithom, imma jibżgħu li ma jafux. Nixtieq kieku, b'dil-kitba qasira u ħafifa t'hawn taħt, inneħħi minn xi tnejn dan il-biża' fieragħ.

Jekk taf titkellem bil-Malti, neħħieha minn rasek li tiktbu ma tafx. Jekk taf titkellmu, taf tiktbu, għax il-kitba ma hix ħaġa oħra għajr taħżiż ta' kliem.

M'iniex sa nsemmi l-ortografija. Dik titgħallimha, għax il-lum hawn bosta kotba li jgħallmuha, u jekk ma tkunx tafha sewwa, tgħaddi l-kitba tiegħek lil xi ħadd li jafha, li jsewwihielek malajr. Irrid insemmi kif tfisser dak li trid bil-kitba, biex min jaqraha jifhem, jithenna u jitgħallem ukoll.

Biex il-kitba tkun kitba tassew, kitba tajba, huma meħtieġa tliet xartiet (1). X'inhuma dawn it-tliet xartiet? L-ewwel it-Tigrib, (2) it-tieni l-Kliem, (3) it-tielet it-Tisdiq. (4)

Għidt li l-ewwel xart meħtieġ għal kitba huwa t-tiġrib. Biex tikteb tajjeb, jeħtieg li dak li tikteb fuqu tkun tafu sewwa. Biex tkun tafu sewwa, jeħtieġ li tkun ġarrabtu int in-nifsek jew tal-anqas rajt lil min iġarrbu. Dak li smajtu biss, jew qrajtu f'xi ktieb ma għandekx għax tikteb fuqu. Jekk tikteb fuqu, iddum iġġebbed ħafna, tegħja tiktbu, taqta' qalbek kull waqt; u jekk jasal biex jinqara, min jkun jaqra jiġrilu bħalek: jiddejjaq, iħallih għal darba oħra, għax jegħja u jaqta' qalbu li jibqa' sejjer bih.

Trid tikteb xi ġrajja żgħira tal-imħabba? Jekk għandek issa, jew jekk qatt kellek xi xbejba li tħobbha, ikteb. Imma jekk qatt ma ġarrabt imħabba, jaqbillek ma tikteb xejn. Sefirt xi darba? Jekk sefirt, l-aktar jekk domt żmien twil imsiefer u waħdek, tista' tikteb xi ġrajja fejn tfisser x'iħoss l-għarib f'art barranija; kemm qalbu tiġġebbed l-ura lejn il-ħbieb u l-imkejjen t'art twelidu. Jekk qatt ma sefirt u hekk ma tafx x'iħoss min huwa mġarrab, aħjar fuq hekk ma tikteb xejn.

Bħal ma huma dawn iż-żewġ ħwejjeġ, hekk ukoll huma l-ħwejjeġ l-oħra. Biex tikteb tajjeb, trid tkun imġarrab. Fil-qasir ikteb dejjem fuq dak li ġarrabtu; dak li ma ġarrabtux ma għandekx xi tridu, għax tajjeb ma joħroġlokx:

It-tieni xart tal kitba tajba, għedna li huwa l-kliem. M'hux

---

* Inġibu bil-qalb dil-kitba ta' L. Cutajar li fiha tagħrif sabiħ għaż-żgħażagħ li jitħajru jiktbu bil-Malti. Imma għal dak li hu kliem ġdid li l-awtur iħaddem f'kull kitba tiegħu nixtiequ li jibda jgħarrafna, jekk semgħu, fejn semgħu, u jekk ħolqu, mnejn u kif bnieh. ID-DIREZZJONI

biss il-kliem mifrud minn xulxin u magħżul waħda waħda, imma wkoll il-kliem, midmum damma damma, kif imur. Trid tinqeda bi kliem barrani mill-anqas. Il-lum m'hux bħal dari, kullħadd idaħħal kliem barrani kemm jiflaħ, biex juri kemm jaf. Għalhekk jeħtieġlek tkun taf kotra sewwa ta' kliem Malti safi: kliem li għadhom jgħiduh fir-rħula, u li m'għadhomx ukoll. Mn'hekk ġej li l-kotra l-kbira tal-kittieba tal-Malti tal-lum issibhom nies tar-rħula, aktar milli beltin.

Imma jekk dak li jkun irid jitgħallem kliem Malti Safi bħal dan li qiegħed insemmi, jista' jagħmlu b'heffa kbira. Hemm qatigħ kotba bil-Malti li jekk wieħed jaqrahom tal-anqas darba —jekk aktar minn darba wisq aħjar—jitgħallem minnhom kemm irid. L-aħjar fosthom għal dan, insibhom jien, il-kotba bil-Malti ta' Dun Xand Cortis, Patri Magri u Dun Ġużepp Farruġa. Jiswew bosta wkoll il-kotba tas-Sur Fons. Imma billi s-Sur Fons il-kliem li jdaħħal fil-kotba tiegħu aktarx sabu f'dizzjunarji milli semgħu minn fomm il-ħajja jixraq li wieħed qabel jistgħallu (5) ifittex ikun jafu minn x'imkien ieħor ukoll.

It-tielet xart tal-kitba huwa t-tisdiq. Meta tikteb qis li tikteb dak li tħossha tgħidlek qalbek bla ma ġġebbdu u ddawwru xejn. Fil-kitba isdoq (6) dejjem, għax jekk ma tisdoqx miegħek in-nifsek, anqas min jaqra kitibtek ma jisdoq għalik. Istħajlek mela, meta tkun tikteb, qiegħed titkellem m'hux ma' min iħobbok, anqas ma' min jobgħodok, imma ma' xi ħabib tal-qalb, li jaf it-tajjeb u l-ħazin tiegħek, bħal ma taf it-tajjeb u l-ħazin tiegħu int. Jekk tistħajlek qiegħed tikteb għal min iħobbok u jqimek, jew għal min jobgħodok u jmillek, aktarx li ma tkunx siedaq miegħu, imma ġġebbed kitbitek, iżżejjinha ż-żejjed biex turi kemm taf. Hekk il-kitba ma toħroġx minn qalbek; u jekk il-kitba ma toħroġx minn qalbek, ma tolqotx qalb l-oħrajn.

Qatt rajt dik il-ħadida tal-għanejja li jgħidulha *diàpason?* Tkun ħadida mifruqa fi tnejn bħal kalamita, u fil-warrani tagħha fiha daqsxejn ta' sieq. Jekk tħabbatha ma' ħaġa iebsa u twaqqafha fuq sieqha, tibda tirtgħod u żżanżan. U jekk tqiegħed ma' ġenbha, fuq sieqha, *"diàpason"* oħra bħalha, bla ma tħabbatha, tibda tirtgħod u żżanżan bħal seħibitha hi ukoll. Hekk agħmlu n-nies tad-dinja.

Fil-kitba għandek tqis dejjem din il-ħaġa: li min jaqra sa jħoss dak li ħassejt, int u tikteb, int.

Iddejjaqt tikteb? Min jaqra jiddejjaq jaqra. Għajnejk demmgħu int u tfisser bil-kitba t-tbatija ta' xi ħadd? Mela min jaqra dik il-kitba, jekk għajnejh ma jdemmgħux, ħaqq li tal-anqas iħoss qalbu tingħafas. Dħakt billi kont qiegħed tikteb? Tista' taħlef li min jaqra jidħak ukoll.

* * *

L-aħjar, biex tibda, ikteb xi ħaġa minna. Jekk mort tistad ma' xi żewġt iħbieb; jekk mort tonsob għall għasafar, jekk mort iddur xi dawra n-naħa tal-Buskett. Ikteb kif iltqajtu; kif ftehemtu; kif ħejjejtu l-meħtieġ; kif mortu, x'rajtu, xi tkellimtu, u ċ-ċekċik kollu, m'hux irqiq żejjed, li tiftakar fih. Meta tikteb il-minnu, xogħlok ikun ħafif bosta, għax ma għandekx x'tagħmel għajr tqiegħed fuq il-karta dak li minn qabel taf.

Jekk tkun trid tikteb xi ħliqa, xi ġrajja żgħira li m'hix minna, qis li l-ishma tagħha jkunu minnin kemm jista' jkun, hekk li l-ġrajja jew ħliqa tkun minnha ħin wieħed u ma tkunx.

Halli nfisser x'irrid ingħid b'dan.

Trid tikteb ħliqa fuq raġel ħanin u qalbieni. Agħżel wieħed ħanin u qalbieni fost in-nies li tafhom, u stħajjel kif kien iġib ruħu kieku ltaqa' mal-lqajja' li sa tikteb fil-ħliqa tiegħek int. X'kien jagħmel il-qalbieni tiegħek kieku kien miexi fi triq waħdu f'lejla mudlama u qabeż fuqu ħalliel? Kien jirgnu, għax hu qalbieni, imma ma kienx jaħqru, għax qalbu ma ttihx. U x'kien jagħmel kieku wara għaraf li l-ħalliel kien missier għajla, (8) u wasal fejn wasal għax ġiegħlu l-ħtieġ?

Barra minn dan, tista' ddakkar kitbitek b'xi ġrajjiet minnija, li ġraw lilek jew taf li ġraw lil xi ħadd mill-ħbieb. Dawwar il-ġrajja ftit, biġġilha, żidha, naqqasha u irqimha minn hawn u minn hemm.

Wara li tkun temmejt kitbitex ħallieha ftit taż-żmien u arġa' aqraha. Int u taqraha, ħassar, semmi u biddel kull fejn jidhirlek li jdoqq ħażin. Tħallix kliem bħal xulxin qrib waħda minn l-oħra. Fejn issib idmra (9) żejda (u jekk int belti aktarx issib bosta) ħassarhom minnufih. Istħajlek qiegħed tiżbor siġra: taqta' barra l-friegħi żejda u tgħaddi mill-imqass il-weraq marsus żejjed ma' xulxin.

* * *

Jekk tagħmel dan, kitbitek toħroġ magħġuba u tajba f'daqqa waħda. Lilek ukoll togħġbok u ma tbatix biex tiktibha, u min jaqraha jgħaddi ż-żmien u jithenna, u fejda ftit jew wisq isib.

L. Cutajar.

---

(1) Kondizzjonijet. (2) Esperienza. (3) Vokabularju. (4) Sincerità, fedeltà. (5) Jużah, jipprofitta minnu. (6) Kun fidil, sinċier. (7) Żgur, ċert. (8) Familja. (9) Pronomi (damar).